MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2012

Avviz Numru. 228/2012

**Andrews Feeds (Malta) Limited (C406)**

**vs**

**Indri Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar id-9 ta’ Lulju 2012 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ sebat elef, erbgha mija u tnejn u hamsin Ewro w sebgha u disghin Ewro centezmi (€7,452.97) rapprezentanti l-prezz ta’ ghalf bilancjat li l-konvenut xtara minghand is-socjeta’ attrici u spejjez relatati kif jirrizulta mill-fatturi annessi u mmarkati bhala Dokument ‘A’ u r-rendikont anness u mmarkat bhala Dokument ‘B’.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 15 ta’ Frar 2012 annessa u mmarkata bhala Dokument ‘C’ u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, li huma ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat illi il-konvenut gie debitament notifikat skond riferta pozittiva tal-Marixxall Marco Bonnici datata 3 ta’ Awwissu 2012 fejn thalliet kopja ta’ l-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta’ attrici (fol. 16).

Rat illi fis-seduta tad-19 ta’ Settembru 2012 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tal-attur ipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tad-19 ta’ Settembru 2012.

Rat illi fis-seduta tas-26 ta’ Settembru 2012 il-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Ghalhekk, il-Qorti qeghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sebat elef, erbgha mija u tnejn u hamsin Ewro w sebgha u disghin Ewro centezmi (€7,452.97) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba fir-rikors promotur.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------